VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,172, 26 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 410 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2013 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2013 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 239 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-20 ta' Settembru, 2013 'il quddiem.

L-Emenda għat-titlu tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa"

L-Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa).

(2) F’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

“il-Bord” tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Kors mis-Senat;

“iċ-Ċertifikat” tfisser iċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa); u

“il-Kors” tfisser il-programm ta’ studju li jwassal għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa).”

L-Emenda għall-ordinament 4 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“(b) għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki fl-Ingliż fil-livell meħtieġ:

(i) Test of English as a Foreign Language (TOEFL) Internet-Based Test (iBT) b’punteġġ globali ta’ 61, u b’punteġġ fil-kitba ta’ mill-anqas 17;

(ii) International English Language Testing System (IELTS) b’punteġġ globali ta’ 5.5, u b’punteġġ fil-qari u l-kitba ta’ mill-anqas 5.0;

(iii) Cambridge First Certificate bi grad C jew aħjar; jew

(iv) kwalunkwe kwalifika ekwivalenti oħra approvata mill-Bord tad-Dħul; u”

L-Emenda għall-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok l-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Skeda 1

Dan il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti kwalifikati skont il-provvedimenti ta’ ftehim iffirmati mill-Università mal-Istat tal-Kuwajt, mas-Sultanat tal-Oman u mar-Renju tal-Għarabja Sawdita.”